MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 909/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**CHRISTOPHER SHEPHERD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Shepherd ta’ 42 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Anne Shepherd, mwieled Rabat Ghawdex nhar l-20 ta' Lulju 1970, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 19870G u residenti gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin

Gie akkuzat talli nhar id-19 ta' Ottubru 2004 ghal habta ta' bejn it-20:30hrs u il-23:15hrs, gewwa Triq L-Imhallef

William Harding, Pembroke, ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Clarion li il-valur tieghu jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) minn gewwa vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni SIS333, ghad-dannu ta' Lara Camilleri u/jew persuna/i ohra liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hassar, ghamel hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni SIS333, ghad-dannu ta' Lara Camilleri, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin)

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 25 tal-Process u nnutat li l-imputat Christopher Shepherd m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat Christopher Shepherd wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Christopher Shepherd bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk

jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema tal-vizzju tal-loghob u ghall-fini li l-imputat ikun assistit biex jehles minn dan il-vizzju umilment talbu li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation.

Innutat ukoll li l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lil Lara Camilleri l-ammont lilha dovut rigwardanti l-hsarat kommessi minnu li jirrigwardjaw it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31 49, 50, 261, 263, 267, 270, 271(g), 289 u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christopher Shepherd, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Christopher Shepherd taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputat ikun assistit biex jehles mill-vizzju tal-loghob.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Christopher Shepherd.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Christopher Shepherd kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Christopher Shepherd l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------